# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2019

**Rikors Numru : 539/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**JF**

**U**

**TMF u b'digriet tal-1 ta' Frar, 2019,**

**il-kunjom ta' TM irid jinqara E.**

**Il-Qorti:**

Rikors Ġuramentat Konġunt ta' JF u TME, datat 5 ta' Diċembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti żżewġu nhar it-tmienja (08) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) fir-Registru Pubbliku ta' Malta, skond ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';*

2. *Illi r-rikorrenti minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-tmienja (08) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed (2001) b'kuntratt redatt min-Nuttar Dottor Joseph Henry Sciriha illi huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok B';*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti qieghdin umilment jitlobu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

i. *Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Frar, 2019 fejn kunjom TM irid jinqara E;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JF** xehed a fol 9 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-8 t'April 2000 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fit-8 ta' Marzu 2001 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**TME** xehdet a fol 11 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' JF.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Mejju, 2000 (Vide Dok A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied;

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Marzu, 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha (Vide Dok B a fol 4 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Spejjez ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**